VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,943, 14 ta' Ottubru, 2022
Taqsima B

A.L. 253 tal-2022

ATT DWAR IS-SAĦĦA
(KAP. 528)

Regolamenti tal-2022 dwar l-Aċċess għad-Data
(Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Drittijiet għall-Kura tas-Saħħa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 30 tal-Att dwar is-Saħħa, il-Ministru responsabbli għas-saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 dwar l-Aċċess għad-Data (Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Drittijiet għall-Kura tas-Saħħa).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex tiġi stabbilita l-bażi leġiżlattiva sabiex ikun hemm aċċess għad-data mid-Direttorat għall-Finanzjament tal-Kura tas-Saħħa sabiex jiġi stabbilit jekk is-suġġett tad-data huwiex eżentat mill-ħlas ta' drittijiet għall-kura tas-saħħa.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"applikant" tfisser persuna li jaċċessa s-servizzi tas-saħħa;

"Direttorat" tfisser id-Direttorat għall-Finanzjament tal-Kura tas-Saħħa fid-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa;

"kura neċessarja urġenti" tfisser benefiċċji in natura li jkunu meħtieġa minħabba raġunijiet mediċi.

Kontrollur u l-funzjonijiet tiegħu.

3. Il-funzjonijiet tad-Direttorat għandhom jinkludu:

(a) l-ipproċessar ta' dokumenti tal-intitolament skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali;

(b) li jiġi żgurat li ċ-ċittadini li huma intitolati għall-kura tas-saħħa f'Malta huma koperti minn kura neċessarja urġenti waqt żjara temporanja fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

(ċ) li jiġi żgurat id-dritt ta' kura tas-saħħa ppjanata fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 987/2009;

(d) l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, inkluż:

(i) li tiżgura l-intitolament għall-kura tas-saħħa lill-pensjonanti minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jittrasferixxu r-residenza tagħhom lejn Malta jew ċittadini li jkunu jirċievu pensjoni minn Malta li jittrasferixxu r-residenza lejn Stat Membru ieħor fl-Unjoni Ewropea;

(ii) ir-rappurtaġġ kif meħtieġ, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-leġiżlazzjoni Maltija;

(iii) l-ipproċessar u l-ħruġ ta' talbiet għal ħlas għal servizzi ta' kura tas-saħħa provduti mill-isptarijiet pubbliċi Maltin lil ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew tal-EEA;

(e) il-preparazzjoni tad-dokumenti neċessarji kollha għall-provvista ta' kopertura ta' servizzi ta' kura tas-saħħa lil ħaddiema assikurati f'Malta u stazzjonati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew ħaddiema mill-Unjoni Ewropea stazzjonati f'Malta;

(f) l-immaniġġar ta' mistoqsijiet relatati mal-intitolament ta' servizzi ta' kura tas-saħħa fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea jew f'Malta;

(g) il-verifiki ta' talbiet għall-ħlas ta' servizzi ta' kura tas-saħħa jew tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa nkorsi barra minn Malta minn ċittadini koperti għal kura tas-saħħa f'Malta provduti minn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea jew tal-EEA.

Protezzjoni tad-data. Kap. 586.

4. (1) L-ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandu jippreġudika b'xi mod l-applikabbilità tar-Regolament 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-applikanti.

(2) Id-Direttorat, waqt li jaġixxi bħala kontrollur skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament Nru 2016/679, għandu jwettaq l-

operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data rilevanti li huma strettament neċessarji sabiex jiġi stabbilit jekk l-applikant huwiex intitolat għal eżenzjoni mill-ħlas tad-drittijiet tas-servizzi tas-saħħa, kif jista' jiġi stabbilit bil-liġi, minn żmien għal żmien.

(3) Id-data personali pproċessata mid-Direttorat għandha tkun ipproċessata b'konformità mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2016/679.

Data personali pproċessata minn entitajiet oħra.

5. (1) Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, id-Direttorat għandu d-dritt jitlob u, jew jirċievi mingħand l-entitajiet elenkati fl-Iskeda, data personali rigward l-applikant, li hija limitata għal limitu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, u għal dak li huwa neċessarju u proporzjonat għall-objettivi mfittxa mid-Direttorat:

Iżda l-Ministru jista' permezz ta' regolamenti, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, jemenda l-Iskeda.

(2) Meta d-data personali trasferita mill-entitajiet elenkati fl-Iskeda tinkludi data oħra minn dik meħtieġa għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttorat għandu jħassar din id-data minnufih u b'mod permanenti malli jirċievi din l-istess data.

(3) Id-data personali pproċessata mid-Direttorat, inkluż ir-riżultati miksuba minn entitajiet oħra, ma għandhomx jiġu pproċessati ulterjorment b'mod li jkun inkompatibbli mal-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Sejbiet.

6. (1) B'riżultat tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data mid-Direttorat għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttorat għandu jikkomunika dawn is-sejbiet skont jekk l-applikant huwiex intitolat għal eżenzjoni mill-ħlas tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, jew xort'oħra, lill-fornitur tas-servizzi tal-kura tas-saħħa jew lill-applikant, skont il-każ.

(2) Id-Direttorat ma għandux iżomm is-sejbiet dwar jekk l-applikant huwiex intitolat għal eżenzjoni mill-ħlas tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, jew xort'oħra

Salvagwardji xierqa.

7. (1) Id-Direttorat għandu jieħu konjizzjoni tan-natura, l-iskop, il-kuntest u l-għan tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' possibilitajiet differenti u severità tad-drittijiet u libertajiet tal-applikanti kkonċernati, kemm fil-ħin li jiġi determinat il-mezz għall-ipproċessar kif ukoll fil-ħin tal-ipproċessar, u għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi, b'mod effettiv u sabiex jintegra s-salvawardji neċessarji fl-ipproċessar, u dan sabiex jipproteġi d-drittijiet tal-persuni kkonċernati u jassikura li hemm livell ta'

sigurezza xieraq skont ir-riskju.

(2) L-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data maħtur mid-Direttorat skont l-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 2016/679 għandu jkun involut u kkonsultat fi żmien xieraq rigward kull materja relatata mal-protezzjoni tad-data personali pproċessata għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Sabiex jiġi żgurat u jiġi muri li l-ipproċessar tad-data hu mwettaq skont ir-Regolament Nru 2016/679, id-Direttorat għandu jimplimenta l-politiki tal-protezzjoni tad-data meħtieġa, liema politiki għandhom ikunu riveduti perjodikament u aġġornati fejn meħtieġ.

Protezzjoni tad-data personali.

8. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali skont dawn ir-regolamenti, kull applikant għandu jingħata d-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir u restrizzjoni, inkluż id-dritt li jressaq ilment mal-Kummissarju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data, id-dritt għal kumpens u azzjoni ġudizzjarja skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u r-Regolament Nru 2016/679.

Kap. 586.

Skeda
(Regolament 5)

1. Jobsplus

2. Aġenzija Identità Malta

3. Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali
